**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 28/2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**-Vs-**

**JUDITH BAKOUSH**

**OMAR TRABELSI**

**Illum, 20 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JUDITH BAKOUSH**, bint Ali u Jane nee' Zammit, residenti 56, Triq l-Isptar l-Antik, Valletta, detentriċi tal-karta tal-identita' 33691M, imwielda Pieta' nhar it-28/12/1990, u **OMAR TRABELSI**, iben Mohammed u Edwina Spiteri, mingħajr indirizz fiss, detentur tal-karta tal-identita' 329189M li tressqu quddiemha akkużati talli fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Novembru 2019 ġewwa l-Belt, Valletta:-

1. Volontarjament taw in-nar lil vettura tal-għamla Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni 'ISSUFU' għad-dannu ta' Jean Paul Azzpoardi u/jew persuni oħra, li konsegwentement kkawżat ħruq ta' vettura oħra ta' l-għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni 'BBN697' għad-dannu ta' Gordon Gatt u/jew persuni oħra.

Lil Judith Bakoush waħedha;

2. Irrendiet ruħha kompliċi ma' persuna jew persuni fir-reat ta' ħruq ta' vettura tal-għamla Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni 'ISSUFU', billi tat ordni biex ħaddieħor jagħmel delitt, xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel delitt u dan għad-detriment ta' Jean Paul Azzopardi u/jew persuni oħra;

3. Kisret il-kundizzjonijiet imposta fuqha b'digriet datat 26 t'April 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr Josette Demicoli li permezz tiegħu hija ngħatat l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur tal-artiklu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamlet reat punibbli bi prigunerija, waqt il-perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata għal sena, mogħtija lilha mill-Maġistrat Dr C. Farrugia Frendo LL.D nhar l-10 ta' Mejju 2019.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija tittratta lill-imputat Omar Joseph Trabelsi li sar reċidiv ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi li saru defenittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Semgħet lill-imputati jwieġeb li mhux ħatja tal-akkużi[1];

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-13 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputati sabiex jiġu aġġudikati minnha taħt dak li hemm maħsub:-

Fil-konfront ta' Judith Bakoush u Omar Joseph Trabelsi flimkien;

(a) Fl-artikoli 317(a), 317(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Judith Bakoush waħedha;

(c) Fl-artikolu 42(a), 42(ċ), 42(d) u 42(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(d) Fl-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(e) Fl-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Omar Joseph Trabelsi waħdu;

(f) Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputati jiddikjaraw fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2021 li m'għandhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u deċiża minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha li ġew prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri;

Rat id-digriet mogħti fil-5 ta' Ottubru 2023 fejn ċaħdet it-talba tal-imputata Judith Bakoush għall-isfilz tax-xhieda ta' Ateri Ahmed Alforjani;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli Uffiċjal Prosekutur fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2024;

---

[1] Eżami 21 ta' Jannar 2020

Rat illi ma ġiet ppreżentata ebda nota ta' sottomissjonijiet għall-imputati Judith Bakoush u Omar Joseph Trabelsi skont kif ġie awtorizzat fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2024, u sussegwentement fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2024 fejn ġie estiż b'xahar it-terminu għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet ghall-imputat Omar Joseph Trabelsi.

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputati qed jiġu mixlija bil-ħruq doluż li seħħ fl-10 ta' Novembru 2019 għall-ħabta tat-3.30 a.m. tal-vettura tal-għamla Mercedes bir-reġistrazzjoni 'ISSUFU', liċenzjata f'isem Jean Paul Azzopardi[2], b'liema ħruq ħadet in-nar ukoll il-vettura tal-għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni BBN-697, ta' Gordon Gatt[3]. Dawn iż-żewġ vetturi kienu pparkjati quddiem blokk ta' bini li jinsab fil-bitħa ossia żona residenzjali li tiġi kantuniera bejn Triq Sant'Urusla u Triq San Duminku, il-Belt Valletta, u jirriżulta illi b'riżultat tal-ħruq, iż-żewġ vetturi ġarrbu ħsarat estensivi. Inħaraq ukoll b'konsegwenza tal-ħruq tal-vetturi, il-bieb tal-garaxx tal-istess Gordon Gatt ġewwa 10, Old Slave Prison Block, Triq San Duminku, Valletta kif ukoll partijiet oħrajn tal-faċċata tal-blokka.

Skont il-Prosekuzzjoni, l-imputati ġew identifikati bħala suspettati fil-ħruq doluż mertu tal-każ wara li l-Pulizija bdiet tinvestiga informazzjoni anonima li kienet irċeviet xi jumejn wara l-inċident, fis-sens illi l-imputata Judith Bakoush kienet bagħtet xi persuni ta' nazzjonalita' Libjana biex jaħarqu l-vettura ISSUFU, liema persuni waslu l-Belt permezz ta' taxi tad-ditta Ecabs. Minn eżami tar-records ipprovduti mill-kumpannija Ecabs dwar il-vjaġġi li saru lejn il-Belt Valletta fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Novembru 2019, kif ukoll il-filmati fis-sistema CVA, ġiet

[2] Xhieda ta' Stephen Cachia, 12 ta' Marzu 2020, Dok. SC2.
[3] Dok. SC1.

identifikata vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DLY-147[4] tal-kumpannija Ecabs li waqfet ġewwa St. Joseph Street, Valletta, li tiżbokka fiha t-triq fejn toqgħod Judith Bakoush, ċioe' Triq l-Isptar l-Antik, Valletta.

Il-Prosekuzzjoni tisħaq illi l-filmati li ġew elevati mill-espert maħtur fl-Inkjesta dwar l-in genere, minn CCTV cameras viċin ir-residenza tal-imputata Judith Bakoush u minn diversi CCTV cameras oħrajn, abbinati max-xhieda tal-kompliċi Ateri Ahmed Alfurjani, jistabbilixxu b'mod konklussiv illi l-vettura 'ISSUFU' inħarqet mill-imputat Omar Trabelsi u illi l-imputata Judith Bakoush kienet kompliċi f'dan id-delitt ta' ħruq doluż.

Il-Qorti tibda biex tosserva li b'mod ġenerali, għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat, bejn l-imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dal l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja, tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant ċertezza assoluta dwar il-ħtija, u dan għaliex huwa diffiċli li jintlaħaq dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex tista' tinsab fl-akkużat il-ħtija għal reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

---

[4] Liċenzjata f'isem il-kumpannija Ecabs.

Ta' sikwit, il-Qorti ssib quddiemha każijiet fejn il-fatti li joħorġu mill-provi li ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet kontradittorji. Għandu jingħad iżda, illi dan ma jfissirx neċessarjament li l-imputat ghandu jigi liberat għaliex jispetta lill-Qorti tuża d-diskrezzjoni tagħha biex twieżen il-provi u tevalwa l-kredibbilita` tax-xhieda biex tara lil min għandha temmen u ma temminx.

Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-artikolu 633 u mill-artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[5], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux».*

Għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

[5] Deciza 9.7.2003.

Ingħad illi:-

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih. »*[6]

Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud prinċipali lill-kompliċi fid-delitt, Ateri Ahmed Alfurjani.

Illi dwar il-valur probatorju tax-xhieda ta' kompliċi, issir referenza ghall-artikolu 639 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b' kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkużat.*

Illi indubbjament l-istess pożizzjoni tgħodd wkoll quddiem din il-Qorti wara li l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi aġġudikat minnha taħt l-artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 u l-istess imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja. Dan fis-sens li l-korroborazzjoni tax-xhieda tal-

[6] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

kompliċi mhix meħtieġa aktar wara l-introduzzjoni tal-emendi li saru bl-Att XVI tal-2006, iżda l-ġudikant xorta waħda jrid jipproċedi b'dik il-kawtela li l-każ ikun jirrikjedi qabel ma jiġi biex jistrieħ fuq xhieda bħal din biex isejjes sejbien ta' ħtija kriminali.

Il-ħsieb tal-leġislatur fir-rigward, bla dubju, jintrabat mal-fatt li l-kompliċi jkollu interess aktar minn ħaddieħor li jfarfar il-ħtija minn fuq spallejh, bil-possibbli tentazzjoni li jesaġera jew jiffrabbrika evidenza biex ikabbar il-ħtija ta' ħaddiehor u jnaqqas tiegħu. Dan ma jfissirx li l-Qorti ma għandhiex temmen lil din ix-xhieda fin-nuqqas ta' korroborazzjoni minn xhud ieħor. Għall-kuntrarju, xejn ma jżomm lill-Qorti milli toqgħod fuqha u temminha kif ukoll li ssib ħtija fuqha u fuqha biss, anke mingħajr provi oħra, purche' x-xhieda tiġi eżaminata b'kawtela. Għalhekk, jekk m'hemm ebda raġuni kwalsiasi għaliex ix-xhud kompliċi ma għandux jitwemmen wara li jkun ġie evalwat il-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda u l-konsistenza tal-verzjoni tiegħu ma' verzjonijiet preċedenti tiegħu u provi oħrajn fl-atti proċesswali, ix-xhieda tiegħu ma tistax titwarrab sempliċement għaliex hija x-xhieda ta' kompliċi.

Dan għaliex:-

"*Din hija xhieda permessa bil-ligi, u sta ghall-Qorti li qed tisma' l-kaz li tqis din ix-xhieda fil-kuntest tal-kaz li tkun qed tittratta. Din il-Qorti ma tarax li, bil-fatt biss, li xhieda ta' komplici hija permessa qed jinkiser id*-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq. *Komplici hija persuna li tista' titressaq bhala xhud bhal kull persuna ohra, basta, ovvjament, li l-akkuzat ikollu l-istess possibilita' ta' kontroll jew kontestazzjoni tal-persuna, kif ghandu f'kaz ta' kwalunkwe xhud iehor. Il-ligi trid, fl-artikolu 639(3), li jekk il-kaz kontra akkuzat tkun bazata biss fuq xhieda ta' komplici, min ikun irid jiddeciedi fuq il-htija, iqis dik ix-xhieda b'certa kawtela …. Ma jistax, pero', jinghad li xhieda ta' komplici hija, a priori, mhux permessibbli. Dik hija testimonjanza ta' persuna li, minhabba l-istat taghha ta' komplici, tkun, forsi, taf l-aktar fuq il-kaz, u ma ghandhiex tigi eskluza minhabba f'hekk. Il-principju ta' "equality of arms", ma jkunx*

*gie mittiefes bil-fatt li tali xhieda tkun permessibbli, ghax dan ix-xhud huwa suggett ghall-iskrutinju miz-zewg nahat kif isir fil-kaz ta' kull xhud iehor. Il-kaz li x-xhieda ta' komplici tista' tkun "tainted" minhabba varji cirkostanzi, tista' tinghad fil-konfront ta' kull xhud, u l-Qorti li quddiemha jkun ghaddej il-kaz, hija zgur kompetenti biex tevalwa x-xhieda, tqis l-affidabilita' tax-xhud, u tikkunsidra dik il-prova fid-dawl tal-provi l-ohra tal-kaz."*[7]

Ateri Ahmed Alfurjani xehed quddiem din il-Qorti fit-22 ta' Marzu 2021, fejn stqarr illi kien ġie kkundannat definittivament dwar id-delitt tal-ħruq ta' karozza u ġie kkundannat tliet snin priġunerija. Ikkonferma wkoll li ma kienx appella minn din is-sentenza. Għalhekk ma għandux ikun hemm dubbju illi huwa kien xhud kompetenti u ma kellux jitqies aktar bħala ko-akkużat flimkien mal-ko-imputat odjerni, billi l-proċeduri fil-konfront tiegħu kienu għaddew in ġudikat. F'kull każ, dan mhux kontestat mill-imputati.

Ateri Ahmed Alfurjani xehed fil-proċeduri odjerni li hu kien ħaraq il-vettura 'ISSUFU' flimkien ma' l-imputat Omar Trabelsi u dan fuq struzzjonjiet tal-imputat Judith Bakoush. Spjega illi f'Novembru 2019 huwa kien mar fir-residenza ta' Judith Bakoush, il-Belt Valletta, flimkien ma' Omar Trabelsi biex jixtru pipa u baqgħu jpejpu fir-residenza tagħha sat-03:30h ċirka. Judith u Omar kienu qalulu li kellu jirkeb f'taxi u jmur jixtri l-petrol u jerġa' jmur lura fir-residenza ta' Judith, iżda ma kienux qalulu r-raġuni għaliex kellu jixtri l-petrol. Judith tatu landa u €10 u rikeb fit-taxi li ġie ħdejn id-dar tagħha, iżda meta mar fil-pompa tal-petrol li kienet indikatlu Judith, sab li din kienet magħluqa u għalhekk ċemplilha fejn qaltlu biex tkellem lix-xufier tat-taxi hi stess. Hu għadda l-mobile phone lix-xufier u hu kien mela żewġ laned bil-petrol, liema laned kienu sabuhom fil-ġenb ħdejn il-magni tal-petrol, u ma kienx uża l-kontenitur li kienet tatu Judith. Imbagħad mar bit-taxi lura sad-dar ta' Judith fejn Omar Trabelsi niżel biex iġorr il-laned għal ġewwa d-dar ta' Judith. Omar Trabelsi

---

[7] Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonal) – **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri**, deċiża 25/05/2012 (ref.66/2011)

kien qallu wkoll biex ma jurix lix-xufier tat-taxi f'liema bieb tad-dar kien dieħel u qallu biex jibqa' miexi ftit lil hinn mid-dar ta' Judith.

Meta daħlu ġewwa, Judith ħarġet xi ħwejjeġ, xalla u kalzetti, minn ġo kexxun u tathom lil Omar biex jgħatti wiċċu u ġismu bihom, u spjegatlu li kellu jmur jaħraq karozza. Semagħha tgħid speċifikatament il-kliem: "*aħraqha sewwa ħalli tkun maħruqa sew*" u spjegatlu eżatt x'kellu jagħmel iżda dak il-ħin, huwa ma kienx jaf għal x'hiex kienet qed tirrferi. Hu staqsa lil Omar fejn kien sejjer bil-petrol li kien xtara u qallu biex ma jindaħalx, iżda hu insista li jmur miegħu peress li kien hu li xtara l-petrol. Kif ħarġu mid-dar ta' Judith, Omar qallu biex jinża ż-żarbun ħalli ma jagħmlux ħsejjes fit-triq u mxew triq twila sakemm waslu ħdejn karozza Mercedes, ta' lewn griż ċar, u Omar beda jwaddbilha l-petrol fuq u isfel kif ukoll mal-art u mbagħad resaq lura mill-karozza, ħareġ lighter u qabbad in-nar lill-karozza. Huma ħarbu jiġru minn fuq il-post iżda qabdu toroq differenti u meta wasal lura fid-dar ta' Judith, Omar kien għadu ma wasalx u wasal wara ftit minuti. Kif daħlu għand Judith, huwa sema' lil Omar jgħidilha: "*Isma' l-mission lesta, kompluta*" filwaqt li hi weġbitu li ma kienetx sejra tinsa l-pjaċir li kien għamlilha u mbagħad tatu xi drogi. Ateri Ahmed Alfurjani xehed ukoll illi għalkemm dak il-ħin ma kienx jaf ta' min kienet il-karozza li kienet inħarqet, wara li kien spiċċa l-ħabs fuq dan il-każ sar jaf li l-karozza kienet ta' Jean Paul 'is-Sufu' li kien iltaqa' miegħu il-ħabs.

In kontro-eżami, ix-xhud qal li kien wasal Malta f'Novembru 2018 u għalkemm iħossu iktar komdu jitkellem bl-Għarbi, ikkonferma illi ħafna kliem bil-Malti li huma wkoll bl-Għarbi jista' jifhmu. Kien jikkomunika mal-imputata Judith Bakoush bil-lingwa tiegħu, ċioe' Libjan, għaliex hija tkellem bil-Libjan "*anke aħjar minni*", u wkoll bl-Ingliż u bil-Malti. Ikkonferma wkoll illi dakinhar tad-delitt, Judith ikkomunikat ma' Omar bil-Malti u kien fehem ftit kliem minn dak li kien qed jintqal għaliex nofs il-kliem Malti huwa wkoll Għarbi. Riafferma illi Judith Bakoush lil Omar Trabelsi qaltlu "*aħraqha sewwa*" u għalkemm ma kienx jaf dak il-ħin li kienet qed tirreferi għall-karozza ta' Jean Paul 'Is-Sufu', wara sar jaf kollox. Iżda ċaħad is-suġġeriment li huwa kien mar flimkien ma' Omar Trabelsi billi ħass il-bżonn li

jsegwih il-għaliex avolja sema' l-kliem "*aħraqha*" ma kienx fehem għal x'hiex dan kien jirreferi. Xehed:

*"Mela kif għidtlek jien ma nifhimx bil-Malti sew pero' ċertu kliem nifhmu, jien ma ġejtx hawnhekk biex nakkuża jew nitfa' ħtija fuqhom iżda dak li ġara u dak li smajt għidtu. ... dan id-diskors sar quddiemi".*

**Għandu jingħad illi l-istess Ateri Ahmed Alfurjani kien xehed ukoll quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Dr. Victor Axiaq fis-16 ta' Jannar 2020 fejn bil-ġurament ikkonferma l-istqarrija li kien irrilaxxa fil-15 ta' Jannar 2020 meta kien qed jiġi interrogat**. F'dik l-istqarrija kien iddikjara li fl-10 ta' Novembru 2019, meta huwa kien għand Judith Bakoush, kienet ordnatlu taxi u bagħtitu biex imur jixtri l-petrol għaliex il-karozza ta' ħabib tagħha kienet waqfitlu. Tatu flixkun tal-ilma vojt u mar fil-pompa tal-petrol ta' Blata l-Bajda iżda ma setax iħaddem il-magna. Dan kien għall-ħabta tat-3:00h. Dak il-ħin kien ċempel lil Judith u wieġeb Omar u hu għadda l-mobile lix-xufier u Omar qallu biex jgħinu jġib il-fuel. Ix-xufier tat-taxi kien qallu li l-flixkun li kellu ma kienx tajjeb biex jimtela bil-petrol u kien sablu xi laned li kienu f'kaxxa viċin waħda mill-pompi u tahomlu biex jimlihom bil-petrol. Wara, it-taxi reġa' waslu ftit iktar 'l isfel mid-dar ta' Judith, fejn Omar u persuna oħra ġew u ħadu l-petrol u ħallsu lix-xufier. Omar qallu biex ma jibqax dieħel direttament fid-dar ta' Judith u meta qal hekk, induna li kienet ser tiġri xi ħaġa ħażina u li l-petrol ma kienx ser jintuża għall-karozza tal-ħabib ta' Judith. Il-petrol ħallewh viċin il-bieb ta' barra tad-dar ta' Judith u meta telgħu fuq, Judith bdiet tispjega lil Omar u semagħha tgħidlu "*aħraqha kollha*" u hemmhekk fehem illi kien ser jaħraq xi ħaġa iżda ma kienx jaf x'hiex.

Iddikjara wkoll illi Omar beda jgħatti wiċċu bil-ħwejjeġ u hu staqsieh fejn kien sejjer għaliex ma kienx jaf lill-oħrajn sew u ma riedx jibqa' magħhom. Judith qaltlu biex imur ma' Omar u Omar qallu biex jagħmel xi ħaġa ma' wiċċu. Mistoqsi għaliex meta qalulu biex jgħatti wiċċu, ma kienx irrejalizza li kienu ser jagħmlu xi ħaġa ħażina, Ateri Ahmed Alfurjani qal li dak il-ħin ried ħafna jsib post fejn jorqod iżda beża' li

tiġrilu xi ħaġa jekk irrifjuta li jmur ma' Omar għaliex huwa jbati bid-dipressjoni u beża' jgħid le. Madankollu, stqarr li ħadd ma heddu.

Ateri Ahmed Elfurjani qal ukoll illi kif ħarġu mid-dar ta' Judith, Omar qabad landa bil-petrol u neża' ż-żarbun tiegħu u qallu biex jinża' tiegħu wkoll. Omar libes kalzetti f'idejh u qallu biex jimxi warajh u jżomm sieket. Huwa segwih sakemm waslu ħdejn karozza Mercedes, ta' lewn skur, u Omar tefa' l-petrol fuq il-karozza kif ukoll taħtha u mbagħad ħaraqha b'lighter, telaq jiġri u ħallih waħdu hemmhekk. Huwa telaq jiġri wkoll lura lejn id-dar ta' Judith iżda għadda minn triq differenti minn dik li qabad Omar. Meta wasal, staqsewh fejn kien Omar iżda ma kienx jaf, u Judith qaltlu biex jarmi l-ħwejjeġ li kien liebes fiż-żibel, u tatu ħwejjeġ ġodda. Wieħed mill-persuni l-oħra li kienu fid-dar ta' Judith ħareġ il-borża taż-żibel bil-ħwejjeġ u ħadha fil-kantuniera tat-triq. Dak il-ħin beda jibża' ħafna li kien daħal f'xi inkwiet. Omar wasal wara xi kwarta u Judith qaltlu xi kliem bħal "*pjaċir*" u li ma kienetx ser tinsih, tatu biċċa kokaina u reġa' ħareġ. Hu baqa' għandu Judith sas-7.00 a.m..

Id-difiza tal-imputata Judith Bakoush kienet diġa' saħqet, permezz ta' rikors li kien sar fil-mori tas-smigħ tal-kawża, illi x-xhieda ta' Ateri Ahmed Alfurjani għandha titwarrab għaliex għalkemm dan ix-xhud intalab jinġieb biex jixhed in kontro-eżami, huwa baqa' qatt ma ġie rintraċċjat mill-Pulizija u għalhekk baqa' ma xehedx in kontro-eżami. Din it-talba kienet ġiet miċħuda iżda xorta waħda din ix-xhieda għandha titqies b'kawtela meta l-Qorti tiġi biex tiddetermina l-valur probatorju li jistħoqqilha, u dan bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali, għaliex fl-aħħar mill-aħħar, ix-xhud mhux xhud regolari iżda kien kompliċi fil-ħruq doluż tal-vettura 'ISSUFU', tant illi ġie kundannat għar-rwol tiegħu fid-delitt.

L-import u relevanza tax-xhieda tal-kompliċi għad-deċiżjoni dwar il-ħtija o meno tal-ko-imputat huma indiskussi u, meta b'żieda ma' dan ikun il-każ li dan ix-xhud kompliċi, sussegwententement għall-eżami tiegħu, baqa' wkoll ma reġgħex deher biex jixhed in kontro-eżami fuq talba tad-difiża, ikompli jirrendi iktar gravi l-ħtieġa li l-valur probatorju li għandu jingħata lix-xhieda tiegħu, jiġi stabbilit abbażi ta' skrutinju

skrupoluż. Skrutinju li għandu jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fosthom l-istadju li fih waslu l-proċeduri meta x-xhud ma ġiex jew ma setax jiġi eżaminat in kontro-eżami, il-kondotta tad-difiża b'rabta mal-opportunita' li kellha biex teżerċita d-drittijiet tagħha għal kontro-eżami, kif ukoll il-fatturi kollha li jeħtieġu jiġu evalwati għad-determinazzjoni tal-kredibbilita' tax-xhieda b'mod ġenerali abbażi tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali[8].

Il-Qorti tosserva illi xhud Ateri Ahmed Alfurjani kien xehed *viva voce* quddiem il-Qorti fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2021 fil-presenza taż-żewġ imputati u dan wara illi l-Qorti stess kienet iddeċidiet li ma tismax lix-xhud fis-seduta preċedenti (11 ta' Frar 2021) sewwasew għaliex l-imputata Judith Bakoush kienet sprovvista mid-difensur tagħha. Fil-fatt, kien xehed in kontro-eżami dakinhar stess tal-eżami tiegħu, fejn wieġeb għal diversi domandi li sarulu in kontro-eżami mid-difensur tal-imputata Judith Bakoush, liema kontro-eżami ġie riżervat ulterjorment.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi d-difiża kellha diversi opportunitajiet li tagħmel kontro-eżami ulterjuri lil dan ix-xhud u ma jirriżultax illi kien hemm xi impediment legali jew fattwali li żammet lid-difiża milli tkompli u tikkonkludi dakinhar stess tal-eżami, il-kontro-eżami tiegħu, jew li pprekluda lid-difiża milli terġa' titlob li x-xhud jerġa' jinġieb biex jixhed ulterjorment in kontro-eżami bl-applikazzjoni tal-artikolu 405(5) tal-Kodiċi Kriminali, jew kif appena il-provi tal-Prosekuzzjoni ġew magħluqin, ingħata l-kunsens taħt l-artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 u l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ tal-provi tad-difiża. Fil-fatt, it-talba biex ix-xhud jinġieb biex iwieġeb għal domandi ulterjuri in kontro-eżami ma saritx ħlief fis-26 ta' Jannar 2023, kważi sentejn wara li xehed l-imsemmi xhud u iktar minn sena wara li l-kawża ġiet differita biex id-difiża tibda tressaq il-provi tagħha fil-25 ta' Novembru 2021.

---

[8] L-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Fil-kumpless ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma taqbilx li l-fatt li x-xhud-kompliċi Ateri Ahmed Alfurjani ma nstabx biex jixhed ulterjorment in kontro-eżami, jista' jinċidi b'mod negattiv fuq il-kredibbilita' tax-xhieda tiegħu jew xort'oħra jimmina l-valur probatorju li altrimenti jistħoqqilha x-xhieda tiegħu in eżami u in kontro-eżami, wara li din titwieżen mal-kriterji msemmija fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u fl-isfond tal-ġabra tal-provi u evidenza proċesswali.

Stabbilit dan, il-Qorti tosserva wkoll illi x-xhieda ta' Ateri Ahmed Alfurjani in kwantu l-movimenti tiegħu bejn ir-residenza ta' Judith Bakoush u l-pompa tal-petrol u lura, ġiet korroborata pjenament mix-xhieda ta' Francis Saliba, ix-xufier tal-vettura tal-Ecabs li quddiem il-Qorti kkonferma illi fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Novembru 2019 f'xi ħin wara s-2:30h, kien mar jiġbor klient minn Triq San Ġużepp, Valletta. Francis Saliba xehed ukoll illi l-passiġġier, li ma kienx Malti iżda kien jidher li huwa ta' nazzjonalita' Libjana, daħal fil-vettura b'flixkun tal-ilma f'idu u kien wasslu l-Ħamrun fejn hemmhekk il-passiġġier għaddielu l-mobile phone biex ikellem lil persuna oħra li kien hemm fuq il-linja, liema persuna qaltlu biex iwassal lill-passiġġier il-pompa tal-petrol biex jieħu l-petrol għaliex kien waqfitilhom il-vettura tagħhom. Hu kien wassal lill-passiġġier sal-pompa fejn hemmhekk kienu sabu żewġ laned ġo kaxxa u kien għen lill-passiġġier jimlihom b'għaxar Euro unleaded petrol, għalquhom u tefgħuhom fil-bagoll fil-kaxxa, u minn hemmhekk, huwa wassal lill-passiġġier lura fi Triq San Ġużepp, il-Belt fl-istess post fejn kien rikeb, u kien ġie jħallsu persuna oħra li skont ix-xhud, tixbaħ lill-imputat Omar Trabelsi[9].

Iżda mhux hekk biss. Il-kredibbilita' tal-verżjoni ta' Ateri Ahmed Alfurjani dwar l-involviment ta' Judith Bakoush fil-ħruq doluż mertu tal-każ, hija ulterjorment sostanzjata mill-fatt illi t-telefonata li hu qal li kien irċieva meta kien fit-taxi, saret min-numru tal-linja 99753103 li huwa abbinat mal-mobile phone li ġie konfiskat mill-pussess ta' Judith Bakoush meta ġiet arrestata, liema mobile phone hija stess stqarret

[9] Din l-istess sekwenza ta' fatti hija stabbilita wkoll minn eżami tal-filmati tal-camera istallat fl-istabbiliment ILM Service Station, Blata l-Bajda, il-filmati mis-sistema ta' CVA kif ukoll il-filmati tal-camera ta' 200, Triq ir-Repubblika, Valletta, fost oħrajn, ilkoll elevati u ppreżervati mill-espert maħtur fl-Inkjesta dwar l-in genere.

fl-interrogazzjoni, illi kienet tagħmel użu minnu flimkien ma' persuna oħra. Barra dan il-fatt illi t-telefonata lill-kumpannija Ecabs fejn ġie ordnat il-vjaġġ, daħlet mill-istess numru 99753103. Dan jikkombaċja mal-verżjoni ta' Ahmed Ateri Alforjani li quddiem il-Maġistrat Inkwirenti kien xehed li kienet Judith Bakoush li ordnat it-taxi.

Fir-rigward, irid jingħad illi Judith Bakoush fl-istqarrija li rilaxxat fil-11 ta' Diċembru 2019 stqarret li n-numru tat-telefon ċellulari 99753103 kienet tużah hi u ċertu Morat, u stqarret ukoll li dan it-telefon ċellulari kien fil-pussess tagħha meta ġiet arrestata. Imbagħad, fl-istqarrija li rilaxxat fis-16 ta' Jannar 2020 ammettiet ukoll illi kienet hi li ċemplet lil ecabs fl-10 ta' Novembru 2019 biex iwasslu persuna sa Blata l-Bajda u lura, iżda insistiet li ċemplet biex iwasslu lil ċertu Alison[10].

Magħdud dan il-fatt illi leħen ta' waħda mill-persuni li ordnat it-taxi in kwistjoni intgħaraf mill-Ispettur Jeffrey Scicluna kif ukoll minn PC 355 Charlot Chircop bħala leħen l-imputata Judith Bakoush[11]. Huma xehdu li għandhom kuntatt frekwenti mal-imputata minħabba każijiet oħrajn mal-Pulizija tad-Distrett tal-Belt u kellmuha kemm il-darba u b'hekk seta' mill-ewwel jagħrfu leħinha fit-telefonata, bħalma del resto setgħet ukoll il-Qorti nnifisha tagħraf fir-recording il-leħen partikolari tagħha.

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx biss, bħala prova, ix-xhieda tal-kompliċi, korroborat in parti mix-xhud Francis Saliba, iżda kif ingħad diġa', b'żieda ma' dawn ix-xhieda ipproduċiet ukoll il-filmati elevati mill-espert maħtur fl-Inkjesta dwar l-*in genere* minn diversi CCTV cameras kif ukoll '*timeline*' li ġie kompilat minn PC 355 Charlot Chircop.

Il-filmati meħudin minn CCTV cameras jikkostitwixxu prova oħra b'saħħitha li l-imputati aġixxew bil-mod li xehed dwaru x-xhud Ateri Ahmed Alfurjani.

---

[10] Omar Trabelsi fl-istqarrija li rrilaxxa stqarrija fis-16 ta' Jannar 2020 stqarr li huwa mlaqqam il-Flurry u li ġieli jkun għand Judith Bakoush. Dwar is-Sufu, qal li jafu billi jsellmu lil xulxin.
[11] Ara xhieda Spettur Jeffrey Scicluna, 28 ta' Jannar 2020.

In tema tal-ammissibbilita' u valur probatorju ta' immaġini fuq *video footage* elevat minn CCTV cameras fost mezzi oħrajn, il-Blackstone jgħid hekk:-

*"... a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken by a security camera during an armed robbery ( Dodson [1984] 1 WLR 971), or a video recording of an incident ( Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action' (Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479).*" [12]

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-imputati ma qajmu ebda eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-filmati esebiti, u l-Qorti ma għandha l-ebda riżerva dwar l-ammissibbilita' ta' dawn id-dokumenti anke għaliex minn imkien ma jirriżulta li l-filmati eżebiti fl-atti proċesswali m'humiex dawk oriġinarjament reġistrati jew li dawn ġew sottopposti għal xi manipulazzjoni.

PC 355 Charlot Chircop, fix-xhieda ġuramentata tiegħu, spjega illi dan it-'*timeline*' ġie mħejji abbażi ta' fotogrammi li nsiltu mill-filmati, liema filmati juru l-vettura tal-Ecabs bin-numru DLY-147 tgħabbi lil Ateri Ahmed Alfurjani minn Triq San Ġużepp, il-Belt, fit-tarf tat-triq fejn tinsab ir-residenza ta' Judith Bakoush, toħroġ mill-Belt u tieqaf fil-petrol station ġewwa Blata l-Bajda, fejn hemmhekk il-passiġġier, bl-għajnuna tax-xufier, jidher jimla kontenituri bil-fuel. PC 355 Charlot Chircop xehed illi l-istess vettura tal-Ecabs reġgħet inqabdet mill-cameras tas-sistema CVA dieħla lura l-Belt u tieqaf fl-istess post ġewwa St. Joseph Street Valletta, fejn mir-residenza ta' Judith Bakoush ħareġ l-imputat Omar Trabelsi u daħħal żewġ laned mill-bagoll ta' wara tal-vettura ġewwa d-dar tal-imputata Judith Bakoush.

[12] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.

PC 355 Charlot Chircop xehed ukoll illi huwa kien għaraf mingħajr diffikolta' lill-imputat Omar Trabelsi fil-filmati elevati mill-camera ta' 200, Republic Street, Valletta[13] u fisser illi f'dawn il-filmati wiċċu jidher ċar bħalma kien jidher ċar li kien liebes ġiżirana, liema ġiżirana huwa kien sabha fuq l-istess imputat meta kien arrestah fl-10 ta' Diċembru 2019. Din il-ġiżirana ġiet kkonfiskata mix-xhud[14]. Speċifikatament, PC 355 Charlot Chircop ikkonferma li huwa għaraf lil Omar Trabelsi bħala l-persuna li fil-filmati jidher ħiereġ mir-residenza ta' Judith Bakoush u jmur ikellem lix-xufier tat-taxi (Step 5), kif ukoll bħala l-persuna li reġa' ħareġ il-laned bil-fjuwil mill-bagoll tal-vettura wara li din reġgħet waslet ġewwa St. Joseph Street, u daħħalhom fir-residenza ta' Judith Bakoush (Step 22). Ix-xhud ippreċiża li l-filmati tant kienu ċari li seta' jidentifika li nħarġu żewġ laned mill-vettura. Għaraf lil Omar Trabelsi fl-istess filmati (Step 26) reġa' ħiereġ mir-residenza ma' persuna oħra b'landa f'idu, fejn iż-żewġ persuni jidhru jieqfu wara vann ġewwa Triq ir-Repubblika, jinżgħu iż-żarbun u jiġbdu lejn Triq l-Isptar l-Antik, Valletta biex minn hemmhekk segwew ir-rotta mpinġija fil-mappa Dok. JS5 fid-direzzjoni tal-bitħa fejn kienet ipparkjata l-vettura Mercedes 'ISSUFU'.

Għalkemm m'hemmx filmat li jaqbad lil Omar Trabelsi jasal fil-bitħa fejn kien hemm ipparkeġġjata l-vettura li ngħatat in-nar, filmat meħud minn CCTV camera ġewwa 175, Triq San Duminku, Valletta (Step 33) juri lill-istess Omar Trabelsi, li ġie mgħarraf minn PC 355 u kif ukoll minn PC 626 Giancarlo Benetti, jiġri 'l barra mill-bitħa u jaħrab minn ġewwa l-istess Triq San Duminku direzzjoni lejn ir-ring road tal-Belt. Din l-identifikazzjoni saret f'termini inekwivoċi u inkonfutabbli. Minn hemmhekk, jidher li ż-żewġ malviventi ħadu rotot differenti iżda mbagħad ġew osservati t-tnejn li huma fil-filmati tal-cameras ġewwa Triq ir-Repubblika Valletta, deħlin lura separatament fir-residenza ta' Judith Bakoush. PC 355 Charlot Chircop ikkonferma wkoll fix-xhieda tiegħu illi l-imputat Omar Trabelsi jidher fil-filmat tal-

[13] Din il-camera kienet tagħti direttament fuq il-bieb tar-residenza ta' Judith Bakoush.
[14] Din il-ġiżirana ġiet esebita materjalment fl-atti – Dok. CC1.

camera ta' 200, Triq ir-Repubblika Valletta jasal lura fir-residenza ta' Judith Bakoush fit-3:22h, ħafi, b'wiċċu mikxuf u liebes ħwejjeġ differenti.

Il-presenza fir-residenza 56, Triq l-Isptar l-Antik, Valletta fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Novembru 2019, tal-imputata Judith Bakoush u Omar Trabelsi, hija stabbilita wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Jeffrey Scicluna, PC 355 Charlot Chricop u PC 626 Giancarlo Benetti li lkoll għarfu liż-żewġ imputati fost il-persuni li f'xi ħin jew ieħor ħarġu mir-residenza msemmija mill-filmati tal-camera ta' 220, Triq ir-Repubblika, Valletta, filwaqt li, kif intqal diġa', l-imputat Omar Trabelsi intgħaraf minn PC 355 Charlot Chircop bħala l-persuna li ħareġ mir-residenza biex iħallas lix-xufier tat-taxi[15] u li sussegwentement, ħareġ mill-istess residenza b'landa tal-petrol f'idu flimkien ma' persuna oħra (li jirriżulta li kien Ateri Ahmed Elfurjani), fejn it-tnejn neżgħu iż-żarbun tagħhom u qabdu rotta fid-direzzjoni ta' Triq San Duminku fejn seħħ il-ħruq. Għarfu wkoll meta deher fil-filmat[16] ħiereġ jiġri mill-bitħa fi Triq San Duminku hekk kif ta n-nar lill-karozza.

PC 355 Charlot Chircop xehed illi għaraf ukoll lil Judith Bakoush u dan mill-figura tagħha kif ukoll minn wiċċha - li deher ċar fil-filmati. Raha dieħla fir-residenza tagħha flimkien ma' Omar Trabelsi, fejn osservaha wkoll fil-filmati tal-camera ta' 200, Triq ir-Repubblika, Valletta, ittawwal kull tant ħin mill-gallarija tar-residenza tagħha wara li l-imputat Omar Trabelsi u Ateri Ahmed Alfurjani ħarġu bil-landa f'idejhom biex jaħarqu l-vettura. Għandu jingħad ukoll illi Judith Bakoush, fl-istqarrija li rilaxxat fil-11 ta' Diċembru 2019, ammettiet bla riżerva li l-persuni li dehru fil-filmati li ntwerewlha waqt l-interrogazzjoni, deħlin fl-istess residenza tagħha fl-10 ta' Novembru 2019, tassew kienu qegħdin ġewwa r-residenza tagħha[17], filwaqt li Omar

[15] Kif xehed ukoll Ahmed Ateri Alforjani.

[16] Camera 175, Triq San Duminku, Valletta.

[17] Għalkemm Judith Bakoush waqt l-interrogazzjoni stqarret ukoll li dak il-ħin fir-residenza tagħha kien hemm Omar Trabelsi u li jista' jkun li Omar Trabelsi u persuna oħra reġgħu marru lura fid-dar tagħha wara l-ħruq tal-karozza, il-Qorti mhijiex sejra tqis dawn l-istqarrijiet bħala prova kontra l-imputat Omar Trabelsi minħabba l-prinċipju enunċjat fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali u l-insenjament paċifiku in materja.

Trabelsi fl-istqarrija li rrilaxxa stqarrija fis-16 ta' Jannar 2020 stqarr li ġieli jkun għand Judith Bakoush.

Il-Qorti tqis illi l-identifikazzjoni tal-imputati mill-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija hija ammissibbli u għandha tingħata valur probatorju. Il-Blackstone, f'Criminal Practice (2012 Ed.), jgħid hekk fir-rigward: -

*"... police officers who view CCTV footage to see if they might recognise a person are not in the same position as a witness asked to identify someone seen committing a crime (Smith [2008] EWCA Crim 1342; Chaney [2009] EWCA Crim 21; Moss [2011] EWCA Crim 252 ...)."*

Dan għaliex:-

"*Where the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible .... Much will depend on the circumstances of the recognition; if it is followed by an immediate arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition being ruled as inadmissible*"[18].

Fil-kawza **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ jispjega ulterjorment:-

"*Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification. When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his*

[18] R. vs. Caldwell and Dixon, ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri.**

*increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"*[19].

Il-Qorti rat hija stess dawn il-filmati[20] u taqbel illi l-imputati - li kellha okkażjoni tarahom quddiemha fid-diversi seduti miżmuma fil-kawża fuq medda ta' erba' snin sħaħ – jistgħu jintgħarfu mingħajr wisq diffikolta' bħala l-persuni identifikati minn PC 355 u PC 626 fil-partijiet rilevanti tal-footage.

**Illi miżmum ferm dan kollu, huwa evidenti illi l-fatti li xehed dwarhom Ateri Ahmed Alfurjani b'rabta mal-movimenti tiegħu u tal-imputat Omar Trabelsi fil-lejl tal-1 ta' Novembru 2019, huma lkoll ikkorroborati mir-riżultanzi tal-filmati li nħarġu mid-diversi CCTV cameras mill-espert maħtur fl-Inkjesta dwar l-*in genere*, u dan sal-inqas irqaqat, fosthom (i) li neżżgħu iż-żarbun wara li ħarġu mid-dar tal-imputata Bakoush, li Omar Trabelsi ħareġ b'landa tal-petrol f'idejh, (ii) li t-taxi wasslu lura d-dar ta' Judith Bakoush iktar 'l isfel fit-triq u ma daħalx fid-dar mill-ewwel (fuq struzzjonijiet ta' Omar Trabelsi), (iii) li Omar Trabelsi kien ħareġ biex iħallas lix-xufier, (iv) li l-istess xufier, meta kienu fil-pompa tal-petrol, kien għenu jimla żewġ laned li kienu sabu f'kaxxa hemmhekk (kif del resto xehed ix-xufier stess), (v) wara l-ħruq, Omar Trabelsi telaq jiġri minn triq differenti, u (vi) persuna oħra ħarġet mid-dar wara l-ħruq bil-borża taż-żibel u ħallilha fil-kanutinera tat-triq.**

Illi magħdud dan kollu l-fatt illi l-verżjoni ta' Ateri Ahmed Alfurjani fiż-żewġ okkażjonijiet meta xehed, baqgħet l-istess minkejja li għaddew sena u xaharejn bejn xhieda u oħra, u f'ebda waqt ma kkontradixxa ruħu f'xi dettall materjali, lanqas meta xehed in kontro-eżami.

**Huwa dejjem saħaq, anke meta ġie mistoqsi in kontro-eżami, illi Judith Bakoush kienet spjegat lill-ko-imputat, Omar Trabelsi, x'kellu jagħmel u li qaltlu l-kliem**

---

[19] Ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fid-29.4.2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Fabio Schembri**.

[20] Filmati f'Appendiċi 1 annessa mar-relazzjoni ta' Keith Cutajar.

**preċiż "*aħraqha sew*" jew "*aħraqha kollha*". Afferma wkoll kemm il-darba illi huwa jifhem il-kliem bil-Malti li huma l-istess bl-Għarbi u f'ebda mument ma esprima xi dubju dwar l-imperattiv li użat l-imputata Judith Bakoush qabel Omar Trabelsi ħareġ minn darha biex jaħraq il-vettura ta' Jean Paul Azzopardi.** Għalkemm huwa minnu li sa dak il-ħin ix-xhud ma kienx jaf għal x'hiex saret ir-riferenza, u ma kienx għadu lanqas jaf illi Omar Trabelsi kien sejjer jaħraq karozza, wisq anqas li din il-karozza kienet ta' Jean Paul 'Is-Sufu', dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi Judith Bakoush, anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li m'huwiex ippruvat konklussivament li tabilħaqq kienet ordnat lill-imputat Trabelsi biex jagħmel id-delitt, **bla dubju kienet qiegħda, meta spjegat lill-imputat Trabelsi kif kellu jaħraq il-karozza, xjentement, tagħtih struzzjonijiet kif kellu jwettaq u jikkonsma id-delitt**.

Anke l-fatt illi leħinha jinstema' u ntgħaraf fit-telefonata li saret lill-kumpannija Ecabs biex jiġi ordnat it-taxi li twassal lil Ateri Ahmed Alfurjani biex jixtri l-petrol, fejn tat l-isem 'Claire' bħala l-persuna li kienet qed tordna t-taxi u bħala l-isem abbinat man-numru tat-telefon ċellulari 99753103, ikompli jissostanzja l-veraċita' tal-verżjoni ta' Ateri Ahmed Alfurjani li kienet l-istess imputata Judith Bakoush li ordnat mhux biss it-taxi, iżda ordnat lilu jmur jixtri l-petrol u tatu l-flus biex jixtri l-petrol kif ukoll kontenitur biex jimlih bil-petrol. **Dan il-petrol imbagħad intuża biex isir il-ħruq u b'hekk jikkonsegwi li b'dawn l-atti l-imputata Judith Bakoush kienet xjentement, għenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt, li jirriżulta konklussivament li kien Omar Trabelsi, fl-att li bih id-delitt ġie ikkunsmat. Assistietu ulterjorment billi tatu ħwejjeġ minn ġo kexxun fid-dar tagħha biex jgħatti wiċċu bihom, kif ukoll kalzetti biex jilbishom f'idejh u b'hekk jevita li jiġi identifikat.**

L-interess evidenti li kellha l-imputata Judith Bakoush fil-ħruq tal-karozza huwa ulterjorment manifestat fil-filmati, bil-presenza intermittenti tagħha fil-gallarija tad-dar tagħha fejn qagħdet tittawwal 'il barra sakemm l-imputat Omar Trabelsi u Ateri Ahmed Alfurjani reġgħu ma waslu lura fir-residenza tagħha.

Il-Qorti tirribadixxi illi Ateri Ahmed Alfurjani ma ġie kontradett f'ebda fatt materjali formanti parti mill-verżjoni tiegħu, liema verżjoni tiegħu dejjem baqgħet konsistenti anke meta xehed in kontro-eżami. Din il-verżjoni tiegħu ma ġietx kuntrastata b'xi provi kuntrarji u hija pjenament konsistenti wkoll mal-verżjoni li kkonferma bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti iktar minn sena qabel fejn għalkemm daħal f'iktar dettall dwar il-movimenti tiegħu u tal-imputati, dan ma jnaqqas xejn, fil-fehma tal-Qorti, mill-veraċita' tal-verżjoni tiegħu.

Il-Qorti ma taqbilx lanqas illi meta Ateri Ahmed Alforjani kixef lill-imputati odjerni dwar sehemhom fid-delitt ta' ħruq doluż, kien qed jaġixxi minħabba motivi ulterjuri u speċifikatament, biex jingħoġob mal-Prosekuzzjoni jew jikseb xi vantaġġ għalih. Fil-fatt, Ateri Ahmed Alfurjani wara li kien ġie arrestat u rrilaxxa l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija fil-15 ta' Jannar 2020, konfermat bil-ġurament fis-16 ta' Jannar 2020, spiċċa ġie kkundannat tliet snin priġunerija għar-rwol tiegħu fid-delitt tal-ħruq doluż u ma jirriżulta minn imkien mill-provi proċesswali li huwa bbenefika f'xi temperament fil-piena taħt l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali jew li kien intlaħaq xi patteġġjament mal-Prosekuzzjoni in konnessjoni mal-iżvelar ta' din l-informazzjoni u x-xhieda tiegħu f'proċeduri kontra l-imputati odjerni.

Iktar minn hekk, meta kixef lill-imputati odjerni, Ateri Ahemd Elforjani kixef persuni li, mingħajr ma kien jaf, kienu diġa' qed jitqiesu bħala persuni suspettati mill-Pulizija in konnessjoni ma' dan id-delitt. Dan wara li l-Pulizija kienu rċevew informazzjoni anonima dwar l-involviment ta' Judith Bakoush u l-fatt li kienet ordnat taxi tal-Ecabs biex jinxtara l-petrol, u kienu diġa' skoprew li kien proprju n-numru tat-telefon ċellulari ta' Judith Bakoush li kien ċempel lill-Ecabs biex jiġi ordnat taxi, u li l-istess numru kien irċieva wkoll telefonata ftit tal-ħin wara min-numru tal-istess Ateri Ahmed Alfurjani. Dak iż-żmien, il-Pulizija diġa' kellhom fil-pussess tagħhom, sa mit-13 ta' Novembru 2019[21], il-filmati tal-cameras li ġew elevati minn pożizzjonijiet strateġiċi, u kienu jafu bl-attivita' li kienet għaddejja fil-lejl tal-10 ta' Novembru 2019 fid-dar ta' Judith Bakoush. Kienu wkoll identifikaw lil Omar Trabelsi bħala wieħed mill-persuni

[21] Ara relazzjoni Keith Cutajar, paġna 57 tal-atti tal-*proces-verbal*.

li deher ċar dieħel u ħiereġ mir-residenza tagħha dak il-lejl, u kienu jafu wkoll li t-taxi kien wassal lil persuna biex jixtri l-petrol, liema persuna sussegwentement, mit-telefonata li saret fil-pompa tal-petrol ġewwa Blata l-Bajda, saru jafu li huwa l-istess Ateri Ahmed Alforjani u kien b'hekk li waslu għalih.

Fuq kollox, din il-Qorti setgħet tosserva l-komportament tax-xhud Ateri Ahmed Alfurjani fuq il-pedana tax-xhieda fejn ġie wkoll kontro-eżaminat mid-difiża, u ma riskontrat assolutament xejn li qanqlilha suspett li ma kienx qed jixhed il-verita' u li l-verżjoni tiegħu m'hijiex affidabbli[22]. Tirribadixxi illi x-xhieda tiegħu hija konsistenti fl-irqaqat kollha tagħha, kif ukoll pjenament kompatibbli, mal-kontenut tal-istqarrija li huwa kien irrilaxxa lill-Pulizija fil-15 ta' Jannar 2020 u li kkonfermaha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, kif ukoll mar-riżultanzi l-oħra kollha tax-xhieda u l-provi proċesswali.

Il-Qorti ma riskontrat ebda ħjiel, suspett jew indizzju li x-xhud ma kienx qed jgħid il-verita' u jew li kien motivat biss b'malizzja meta implika lill-imputati odjern f'dan id-delitt, il-Qorti teskludi b'mod assolut li Ateri Ahmed Alfurjani ivvinta jew iffabbrika l-involviment tal-imputati odjerni f'dan id-delitt. Għall-kuntrarju, hi temmen lil dan ix-xhud u sejra tqis ix-xhieda tiegħu bħala kredibbli u sejra tagħtiha l-piż li jistħoqqilha bħala prova sħiħa u kompjuta minn kollox daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar, *multo magis* meta meta l-verżjoni tiegħu, kif rajna, hija pjenament ikkorroborata minn xhieda diretta kif ukoll provi ċirkostanzjali.

**Kollox magħdud, għalhekk, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat Omar Trabelsi kien l-awtur tad-delitt ossia l-aġent li ta n-nar lill-vetttura 'ISSUFU',**

---

[22] *"Illi allura meta ma ikunx hemm prova ohra la diretta u lanqas cirkostanzjali li jistghu jitfghu xi dawl fuq l-akkadut, ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilita' u attendibilita' f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha, u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi* ***'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.'*** - **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs. Emanuel Abela**, deciza nhar it-13 ta' Ottubru, 2014, numru 866/2011

**filwaqt illi l-imputata Judith Bakoush aġixxiet bħala kompliċi entro t-tifsira tal-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) tal-artikolu 42 tal-Kap. 9.**

Ikkunsidrat;

Illi l-imputati huma mixli bir-reati taħt l-artikolu 317(a) u l-artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali.

L-artikolu 317 tal-Kap. 9 jiddisponi illi huwa ħati ta' reat:

*Kull min volontarjament jagħti n-nar lil bini, vettura, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan*[23]*, iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew, kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, vettura, għarix, jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna.*

Il-paragrafu (a) tal-istess artikolu 317 jiddistingwi, għall-fini tal-piena applikabbli fuq sejbien ta' ħtija għal dan id-delitt, bejn sitwazzjoni fejn il-ħruq iqabbad band'oħra, f'liema każ il-leġislatur iddistingwa ulterjorment bejn każ fejn persuna titlef ħajjitha u fejn ebda persuna ma titlef ħajjitha u b'żieda ma' dan, f'każ li ma jmut ħadd, jiddistingwi ukoll bejn sitwazzjoni (i) fejn il-ħati seta' jobsor li fil-waqt tal-ħruq kien hemm xi persuna ġewwa l-bini, għarix, jew lok li ħa n-nar mill-ħruq jew, (ii) xort'oħra. Imbagħad jipprovdi wkoll għall-piena f'każ fejn il-ħruq ma jqabbadx bini, għarix jew lok ieħor.

L-imputati qed jiġu akkużati wkoll taħt il-paragrafu (b) tal-artikolu 317 tal-Kap. 9, fejn jitqies ħati tar-reat kull min volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, iżda l-ħruq ma jqabbadx il-bini, għarix, jew lok ieħor.

---

[23] *"... dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor"* – artikolu 316 tal-Kap. 9.

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti huwa evidenti li l-ħruq tal-vettura 'ISSUFU' qabbad band'oħra u għalhekk sejra tistħarreġ ir-reat taħt il-paragrafu (a) tal-artikolu 317 tal-Kap. 9 u mhux il-paragrafu (b).

Illi dwar il-ħruq doluż tal-vettura Mercedes 'ISSUFU', l-espert David Borg Saydon, maħtur fl-Inkjesta dwar l-*in genere*, ikkostata li nstabu traċċi ta' idrokarburi f'diversi postijiet li jikkonfermaw illi ntuża xi tip ta' aċċellerant biex din il-vettura nħarqet u għamel is-segwenti osservazzjonijiet:-

"*Irriżulta li min ħaraq din il-vettura tefa' ammont konsiderevoli ta' aċellerant fuq il-parti ta' quddiem u ta' wara tal-vettura.*

...

*Minħabba l-aċċellerant li ntefa' fuq il-vettura, li minn dak li kien għad baqa' mill-vettura jidher li kien ammont konsiderevoli, diversi partijiet tagħha nqerdu għal kollox.*"

It-tiġrif assolut tal-vettura 'ISSUFU' li jirriżulta li kienet fil-mira tal-imputati, tidher fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni tal-espert David Borg Saydon u r-rapport tal-espert tax-xena tad-delitt PS 336 Francesco Imbroll[24].

Jirriżulta wkoll illi b'konsegwenza tal-ħruq doluż tal-vettura 'ISSUFU', inħarqet ukoll il-vettura ta' Gordon Gatt tal-għamla Citroen, bin-numru ta' reġistrazzjoni BBN-697, liema vettura kienet ipparkjata preċiżament quddiem il-vettura ta' Jean Paul Azzopardi. Din il-vettura ġarrbet ħsarat estensivi fuq in-naħa ta' quddiem u kellha tiġi *scrapped* skont kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti mir-rappreżentant ta' Transport Malta li xehed quddiem il-Qorti[25]. Iżda iktar minn hekk, il-ħruq tal-vettura fil-mira tad-delitt ikkaġuna ħsarat ta' nar fil-bieb tal-garaxx tal-istess Gordon Gatt u fl-intern

---

[24] Ritratti f'paġna 8 (paġni 21, 22 u 23 tal-proces-verbal) tar-relazzjoni ta' David Borg Saydon u ritratti f'paġni 38 u 38 tal-*proces-verbal*.

[25] Dok. SC1.

tal-istess garaxx, u kif ukoll fil-faċċata tal-blokka ta' appartament li kienu pparkjati quddiemha ż-żewġ vetturi msemmija.

Fir-relazzjoni tiegħu, l-espert Dr. Mario Buttigieg għamel is-segwenti kostatazzjonijiet:-

"*Il-faċċata tal-blokka ta' appartamenti ġarrbet xi ħsarat. Ġie osservat li l-insect screen, it-tieqa tal-aluminium u l-kumpressur tal-air condition* (*sic.*) *tal-appartament ta' Justin Grioli soffrew ħsarat. L-insect screen inħarqet, it-tieqa ġarrbet ħsarat u l-kompressur tal-air condition* (*sic.*) *tal-għamla Ghee, ġie distrutt.*"[26]

Justin Grioli, li ddepona quddiem l-istess espert fl-atti tal-inkjesta dwar l-*in genere*[27], xehed illi kemm u u kif ukoll martu Paul Anne kienu ġewwa l-appartament tagħhom fil-ħin tal-ħruq, filwaqt li mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija kif ukoll l-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, jirriżulta li kellhom jiġu evakwati diversi persuni mill-appartamenti fil-blokka in kwistjoni minħabba d-dħaħen qawwijin u sħanat li kien dieħel fil-komun tal-blokka u fl-appartamenti separati. Id-dħaħen qawwijin li ġew iġġenerati min-nirien daħlu fil-komun tal-blokk tal-bini li faċċata tiegħu kienet ipparkjata l-vettura, u baqgħu kienu telgħin 'l fuq bil-konsegwenza illi r-residenti tal-appartamenti ma setgħux jiġu evakwati mill-blokk sakemm inftew in-nirien u kellhom joħorġu barra fil-gallariji biex jevitaw id-dħaħen telgħin ġewwa l-blokka[28].

Minn dan kollu jikkonsegwi illi indubbjament, il-vettura ta' Jean Paul Azzopardi li nħarqet dolożament, kienet b'mod li setgħet tqabbad il-ħruq lil bini jew lok ieħor, għarix, jew lok ieħor. Dan qed jingħad għaliex kienet ipparkjata fil-bitħa komuni ta' blokka appartamenti (Old Slave Prison Block) preċiżament taħt il-blokka u quddiem waħda mill-entraturi tal-istess blokka kif ukoll eżatt wara vettura oħra. Kemm hu hekk, il-provi juru b'mod inkonfutabbli illi n-nar tassew infirex mill-vettura li nħarqet

---

[26] L-appartament ta' Justin Grioli jinsab f'188F, Flat 3, Triq Sant'Ursula, Valletta - paġna 299 tal-*proces-verbal*.
[27] Xhieda tat-12 ta' Novembru 2019.
[28] Ara xhieda ta' PS 507 Reese Cassar u xhieda ta' Ludvic Vella u Renato Agius 10 ta' Settembru 2020 u xhieda ta' PC 574 Jamie Xuereb, 29 ta' Settembru 2020.

dolożament, b'mod li l-vettura ta' Gordon Gatt li kienet ipparkjata warajha, effettivament ħadet in-nar mill-ħruq u n-nar deher ukoll mal-faċċata tal-blokka b'mod li parti mill-bini kien qed jaqbad. Iktar minn hekk, illi l-bieb tal-garaxx tal-istess Gordon Gatt inħaraq bin-nirien[29], u nħarqu wkoll it-tieqa u l-insect screen tal-appartament ta' Justin Grioli.

Fil-fatt, l-Avukat Ġenerali indika li għandha tinsab ħtija taħt il-paragrafu (a)(i) tal-artikolu 317 tal-Kap. 9 li jiddisponi illi jekk il-ħruq (f'dan il-każ tal-vettura) iqabbad band'oħra iżda ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-piena għandha tkun ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin jekk il-ħati seta' jobsor li fil-waqt kien hemm xi persuna ġewwa l-bini li ħa n-nar mill-ħruq f'dan il-każ tal-vettura Mercedes 'ISSUFU'. Kif diġa' ġie stabbilit, il-vettura kienet ipparkeġġjata b'mod li seta' jqabbad il-faċċata tal-blokka ta' appartament li kien ipparkjat quddiemu, tant illi tabilħaqq il-faċċata tal-blokka, il-bieb tal-garaxx ta' Gordon Gatt kif ukoll it-tieqa tal-appartament ta' Justin Grioli, inħarqu. Billi l-blokka hija waħda evidentement residenzjali, l-aġent tar-reat kellu bla dubju jobsor li dak il-ħin kien hemm persuni ġewwa.

Fil-fehma tal-Qorti, il-ħruq doluż imwettaq mill-imputat Omar Trabelsi bil-kompliċita' tal-imputata Judith Bakoush jinkwadra sfiq bħala r-reat ipotetizzat fl-artikolu 317(a) tal-Kap. 9 għaliex jirriżulta li *volontarjament ingħata n-nar lill-vettura ta' Jean Paul Azzopardi meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq*, u fil-paragrafu (i) tal-istess artikolu 317(a), għaliex l-aġent tar-reat seta' jobsor li fil-waqt tal-ħruq kien hemm xi persuna ġewwa l-bini li ħa n-nar mill-ħruq.

Ikkunsidrat;

Illi b'riżultat tal-ħruq doluż, il-vettura ta' Jean Paul Azzopardi reġistrata bil-pjanċi 'ISSUFU' inħarqet u ġġarrfet għal kollox u l-valur tal-vettura ġiet kwantifikata mill-

[29] Ara xhieda ta' Gordon Gatt, fejn qal ukoll li d-dħaħen ikkaġunaw ħsarat fl-intern tal-istess garaxx.

espert maħtur fl-Inkjesta dwar l-in genere, Dr. Mario Buttigieg, fis-somma ta' €15,000.

Inħarqu wkoll il-kompressur u insect screen di proprjeta' ta' Justin Grioli, liema oġġetti l-istess espert aċċetta l-istima li ngħatatlu mill-istess Justin Grioli fis-somma totali ta' €1,275 biex dawn jinxtraw ġodda.

Il-vettura tal-għamla Citroen ta' Gordon Gatt ġarrbet ħsarat estensivi fuq in-naħa ta' quddiem u kellha titneħħa. Madanakollu, ma jirriżultax x'valur ingħata lill-fdalijiet tal-vettura u jekk Gordon Gatt irċeviex dan il-valur u għalhekk, minħabba dan id-dubju, il-Qorti tqis illi mill-valur totali likwidat mill-espert Dr. Mario Buttigieg fis-somma ta' €3,500, il-valur tal-ħsara attwalment sofferta minn Gordon Gatt minħabba l-ħruq tal-vettura, għandu jiġi likwidat fis-somma ta' €3,000. Gordon Gatt irid iħallas ukoll spejjeż f'valur ta' €1,100 biex isir xogħol ta' żebgħa fil-garaxx tiegħu minħabba d-dħaħen li daħlu fil-garaxx, kif ukoll is-somma ta' €188.80 stima għat-tiswija tal-bieb tal-istess garaxx tiegħu, b'kollox is-somma ta' €4,788.80.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata Judith Bakoush hija mixlija, fir-raba' imputazzjoni, li wetttqet reat waqt il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata. Madanakollu l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju naqas milli jindika l-artikolu tal-liġi rilevanti senjatament l-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation li jistabbilixxi l-ksur li dwaru qed tiġi mixlija.

Dan l-artikolu jiddisponi:-

**23(1).** *Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta'probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;*

Iktar minn hekk, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li s-sentenza mogħtija fl-10 ta' Mejju 2019[30] hija tassew sentenza[31], u lanqas m'hi sodisfatta li ġew applikati d-dispożizzjonjiet tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 b'dan li l-imputata Judith Bakoush ġiet liberata bla ħsara għall-kondizzjoni li ma tagħmel ebda reat matul il-perijodu stabbilit f'dik is-sentenza. Fil-fatt, fil-fehma tal-Qorti, l-ordni mogħtija fis-sentenza ma tistax titqies bħala ordni għal liberazzjoni kondizzjonata għaliex dan l-ordni ma ngħatax b'mod espress fis-sentenza u f'kull każ, imkien fl-istess sentenza ma hemm ċitat l-artikolu tal-liġi li jipotetizza l-liberazzjoni kondizzjonata, għajr b'riferenza għall-estensjoni ta' xi perijodu ta' liberazzjoni kundizzjonata li ġie impost, allegatament b'sentenza mogħtija fis-6 ta' Novembru 2015, liema sentenza madanakollu ma nġabitx kopja legali tagħha fl-atti proċesswali. Għandu jingħad, fuq kollox, illi d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 22 jew l-artikolu 23 tal-Kap. 446 imkien ma jaħsbu għall-estensjoni tal-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata in linea ta' sanzjoni f'każ ta' dikjarazzjoni ta' ħtija wara ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Kemm hu hekk, l-artikolu 23(2) tal-Kap. 446 jiddisponi:-

*Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi ttrattata għar-reat li dwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista'*

---

[30] Dok. MDF1, paġna 366 u 366 tal-atti tal-kompilazzjoni.

[31] Id-dokument ossia ċitazzjoni, li fuqu jinsab mitkub il-piena, ma jissodisfa ebda wieħed mir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li jispeċifika dak li għandu jkun fiha sentenza. Dan jiddisponi hekk: -"*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*"

*tqieghed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1).*

Madankollu, fis-sentenza tal-10 ta' Mejju 2019, il-ħatja f'dawk il-proċeduri ingħatat estensjoni tal-perijodu li ġie impost fis-sentenza tas-6 ta' Novembru 2015 taħt l-artikolu 22 tal-Kap. 446, sanzjoni li apparti li x-xorta tagħha m'hijiex ċara, ma setgħet qatt tiġi imposta.

Għaldaqstant, billi ma jirriżultax sodisfaċjentement illi l-imputata tqiegħed taħt ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata bis-sentenza tal-10 ta' Mejju 2019 u ma jirriżultax lanqas li ġiet mixlija fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju dwar il-ksur ravviżat fl-artikolu 23 tal-Kap. 446 il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni fiċ-ċitazzjoni.

L-Avukat Ġenerali indikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju iżda ma nġiebetx prova li ingħata fir-rigward tal-imputata sentenza sospiża taħt l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, wisq inqas prova li hija kkommettiet reat punibbli bil-priġunerija waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża skont kif maħsub fl-artikolu 28B tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata Judith Bakoush hija mixlija wkoll bir-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 ċioe' li kisret il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqha b'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta mogħti fis-26 ta' April 2018. Kopja awtentikata ta' dan id-digriet ġiet esebita mill-Assistent Reġistratur tal-Qorti Maria Dolores Fenech fit-3 ta' Ġunju 2021 iżda l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-prova tal-identita' tal-persuna li ngħatat il-ħelsien mill-arrest bis-saħħa tal-imsemmi digriet. Filwaqt li l-konnotati tal-persuna ta' Judith Bakoush m'humiex imniżżlin fid-digriet in diżamina, l-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri li fihom ingħata l-istess digriet, l-Ispettur Roderick Agius, ma ġiex prodott bħala xhud biex jikkonferma l-identita' tal-persuna mixlija

f'dawk l-imsemmija proċeduri bħala l-imputat odjerna, Judith Bakoush. Iżda fuq kollox, il-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli tistabbilixxi illi l-proċeduri kriminali li fihom ingħata d-digriet tal-ħelsien mill-arrest Dok. MDX kienu għadhom pendenti fl-10 ta' Novembru 2019, id-data tal-kommissjoni tad-delitt tal-ħruq doluż li tinsab minxlja dwaru fil-proċeduri odjerni, kif ukoll li l-kundizzjonijiet li jinsabu elenkati fid-digriet Dok. MDX, kienu għadhom applikabbli u fis-seħħ fl-10 ta' Novembru 2019.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jonathan Ransley) v. Tyson Grech**, intqal hekk in propositu:-

*Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni donnha ma għamlitx distinzjoni bejn il-prova tal-identita' għall-fini tar-reċidiva u l-prova li trid titressaq fil-każ li persuna tkun mixlija li kisret il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. F'dan il-każ, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eċċetra l-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proċeduri li fihom dawk il-kundizzjonijiet ikunu ngħataw ikunu għadhom pendenti fil-mument meta jkun ġie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan għaliex fil-każ li dawk il-proċeduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu wkoll il-kundizzjonijiet marbuta magħhom – salv il-każ t'appell mis-sentenza fejn jistgħu ikunu ritenuti viġenti skont Artikolu 416(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ din il-prova tal-viġenza tal-proċeduri penali fil-mument tal-kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma nġabitx mill-Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li kienu għadhom pendenti ladarba din il-prova ma tressqitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni.*

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-imputata Judith Bakoush ma tistax tinsab ħatja li ksiret il-kundizzjonijiet ta' xi digriet li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat Omar Trabelsi ġie mixli li huwa reċidiv taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. In sostenn ta' dan l-addebitu il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lill-Assistent Reġistratur tal-Qorti li bil-ġurament tagħha produċiet fl-atti proċesswali kopja awtentikata (bit-timbru tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogat is-sentenzi rispettivi) ta' sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omar Joseph Trabelsi** li ngħatat fit-12 ta' Ġunju 2017 fejn il-ħati f'dawk il-proċeduri kien Omar Joseph Trabelsi bil-karta tal-identita' bin-numru 329189(M) (Dok. MDF2) li ġie kkundannat tliet xhur priġunerija. L-Ispettur Jeffrey Scicluna fid-depożizzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021, ikkonferma li huwa kien l-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri msemmija u li l-ħati li ġie kkundannat bl-imsemmija sentenza huwa l-istess imputat odjern, Omar Joseph Trabelsi. Ir-reat li dwaru instab ħati u ġie kkundannat Omar Joseph Trabelsi, huwa reat li ġie kommess qabel il-kommissjoni tad-delitt ta' ħruq volontarju fl-10 ta' Novembru 2019 u l-Qorti tqis li huwa ppruvat sodisfaċjentement li l-imputat huwa reċidiv għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali għaliex illum qed jinstab ħati ta' reat wara li kien diġa' ġie kkundannat għal reat kriminal b'sentenza oħra li għaddiet f'ġudikat. Fil-fatt, Marilyn Lauria Marmara, Deputat Reġistratur, ikkonfermat fix-xhieda tagħha illi ma kienx ġie interpost appell mill-imsemmija sentenza tat-12 ta' Ġunju 2017.

L-imputat Omar Joseph Trabelsi qed jiġi mixli wkoll taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi hekk:-

*Meta persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt.*

Minn eżami tas-sentenza Dok. MDF2, mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2017, esebit mill-Assistent Reġistratur tal-Qorti u li minnha ma ġiex interpost appell, jirriżulta li l-kundanna ta' tliet xhur priġunerija kellha tiġi neċessarjament skontata sal-aħħar ta' Settembru 2017 u għalhekk, fid-data tal-kommissjoni tad-delitt taħt l-artikoli 317 tal-

Kap. 9 fl-10 ta' Novembru 2019, ma kienux għaddew ħames snin mid-data meta ġiet skontata s-sentenza msemmija.

Għalhekk, l-imputat sejjer jitqies ukoll bħala reċidiv għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali ferm voluminża u oneruża tal-imputata Judith Bakoush li instabet ħatja diversi drabi tad-delitt tat-tlajjar għal skopijiet ta' prostitizzjoni pussess anke aggravat ta' droga. Jirriżulta wkoll li ma baqgħetx issegwi l-ordnijiet mogħtija lilha mill-Uffiċjal tal-Probation li ġiet maħtura taħt l-Ordni Provviżorji ta' Superviżjoni li nħarġet fil-konfront tagħha b'digriet tal-25 ta' Lulju 2022. Kemm hu hekk, fir-rapporti tal-1 ta' Settembru 2023 u l-5 ta' Ottubru 2023, l-Uffiċjal tal-Probation esprimiet it-tħassib tagħha dwar l-istil ta' ħajja kaotika li qiegħda tgħix l-imputata li naqset milli żżomm kuntatt mal-istess Uffiċjal kif ukoll mal-FSWS kif ukoll Caritas Outreach apparti li kien hemm suspett li kienet qed tagħmel użu minn sustanzi illeċiti fosthom id-droga kokaina – suspett li ma setax jiġi kkonfermat għaliex l-aħħar kampjun li l-imputatata sottomettiet għal analizi kien f'April 2023. Mill-aħħar rapport li ġie sottomess mill-Uffiċjal tal-Probation fit-18 ta' Novembru 2024, jirriżulta li s-sitwazzjoni baqgħet l-istess u l-imputata naqset milli tattendi l-appuntamenti li ġew skedati u wriet nuqqas manifest ta' ko-operazzjoni li qed jagħmilha impossibbli għall-Uffiċjal tal-Probation timplimenta l-Ordni ta' Superviżjoni.

Fir-rigward ta' l-imputat Omar Trabelsi, il-fedina penali tiegħu wkoll hija ferm oneruża u ġie kkundannat għal diversi delitti inkluż serq, offiżi volontarji fuq il-persuna u pussess illegali ta' mediċina psikotropika. Ma nġiebet ebda prova li huwa rriforma ruħu u għall-kuntrarju, wera li m'huwiex persuna affidabbli għaliex meta ngħata l-ħelsien mill-arrest minn din il-Qorti, ma ottemperax ruħu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu tant illi kien ġie revokat il-ħelsien mill-arrest mogħti lilu matul dawn il-

proċeduri minħabba ksur ripetut ta' xi waħda jew iktar tal-kundizzjonijiet imposti. Fuq kollox, jirriżulta li l-imputat għandu dipendenza akuta fuq id-droga u ma jirriżultax illi huwa qed jindirizza b'mod attiv il-vizzju tal-abbuż mid-droga jew wera biżżejjed impenn għar-rijabilitazzjoni tiegħu.

**Għal dawn il-motivi kollha, u filwaqt li ma ssibx lil Judith Bakoush ħatja in kwantu ġiet mixlija bħala l-awtur tad-delitt taħt l-artikolu 317 tal-Kodiċi Kriminali, tilliberaha wkoll mit-tielet imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni fil-konfront tal-istess Judith Bakoush, wara li rat l-artikoli 42(a)(b)(ċ)(d) u 317(a)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil JUDITH BAKOUSH ħatja tat-tieni imputazzjoni u tikkundannaha ħames (5) snin priġunerija effettiva.**

**Kwantu għal OMAR TRABELSI, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 317(a)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva u tikkundannah ħames (5) snin priġunerija effettiva.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qieghda tikkundanna wkoll lill-ħatja, JUDITH BAKOUSH u OMAR JOSEPH TRABELSI, sabiex iħallsu *in solidum* lil Jean Paul Azzopardi s-somma ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000), lil Gordon Gatt is-somma komplessiva ta' erbat elef seba' mija u tmienja u tmenin Euro u tmenin ċenteżmu (€4,788.80) u lil Justin Grioli s-somma komplessiva ta' elf mitejn u ħamsa u sebgħin Euro (€1,275), ossia l-valur tal-ħsara sofferta b'riżultat tal-kommissjoni tar-reati li dwarhom qed jinsabu ħatja, in linea ta' kumpens għat-telf soffert, liema ħlas għandu jsir sa mhux iktar tard minn sitt (6) xhur. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Tordna il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' Judith Bakoush u Omar Joseph Trabelsi għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Jean Paul Azzopardi għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien tliet (3) snin, liema żmien għandu jibda jiddekorri mid-data li tiġi skontata l-piena ta' priġunerija.**

**Tordna wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' Judith Bakoush u Omar Joseph Trabelsi għal żmien tliet (3) snin għall-fini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, biex jingħataw it-trattament meħtieġ biex jegħlbu l-vizzju tad-droga.**

**Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tal-ħatja, kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trażżin.**

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil Judith Bakoush u Omar Joseph Trabelsi għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti ta' nofs kull wieħed tas-somma komplessiva ta' elfejn mitejn u wieħed u għoxrin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€2,221.75), ċioe' s-somma ta' elf, mija u għaxar euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€1,110.87) kull wieħed, rappreżentanti żewġ terzi (2/3) tal-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u periti fil-proċeduri, u dan fi żmien sena[32].**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jieħu konjizzjoni ta' din il-kundanna għall-ħlas taħt l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.**

---

[32] Spejjeż totali: Dr. Mario Buttigieg (€707.53); Keith Cutajar (€2,206.29), PC 336 (€156.75) u David Borg Saydon (€262.05), ċioe' total ta' €3,332.62. Żewġ terzi: €2,221.75.

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAĠISTRAT.**